DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/861/PESK

tal-1 ta' Diċembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2012/699/PESK dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/699/PESK ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni 2012/699/PESK tipprovdi, għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2), perijodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3).

(3) Fit-18 ta' Ġunju 2014, is-Segretarjat Tekniku Proviżorju tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) talab l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni biex jestendi d-durata ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar provdut fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2012/699/PESK bi 12-il xahar sabiex ikun jista' jimplimenta l-bqija tal-partijiet tal-proġetti li ma ġewx implimentati sa tmiem dak il-perijodu.

(4) L-implimentazzjoni l-bqija tal-partijiet tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2.1. (Assistenza Teknika u Tisħiħ tal-Kapaċitajiet), 2.2. (Żvilupp tal-Kapaċitajiet għall-Ġenerazzjonijiet Futuri ta' Esperti tas-CTBT — l-Inizjattiva Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDI)), 2.3. (Titjib tal-Mudell tat-Trasport Atmosferiku (ATM)), 2.4. (Karatterizzazzjoni u Mitigazzjoni tar-Radjukseno) u 2.6. (Sostenn tal-Istazzjonijiet Sismiċi Awżiljarji Ċertifikati tal-IMS) tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/699/PESK, kif ikkwotati speċifikament fit-talba tas-CTBTO tat-18 ta' Ġunju 2014, tista' ssir mingħajr ebda implikazzjoni għar-riżorsi.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2012/699/PESK għandha tiġi emendata sabiex il-proġetti stipulati fiha jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod sħiħ billi tiġi estiża d-durata tagħha skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/699/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3).".

(2) Il-paragrafu taħt it-Taqsima 3 tal-Anness għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-durata totali għall-implimentazzjoni tal-proġetti hija stmata għal 36 xahar.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

B. LORENZIN

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).